**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' April, 2020.**

**Rikors nru: 243/ 2019 AGV;**

**AB (A 21837124)**

**vs**

**CD (KI: 9569312L) f' isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri EF**

**U**

**GH (ID: 189751M) bhala eredi tal-mejjet IF (290263 M)**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 25 ta' Ottubru 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma bil-gurament dan li gej:-

1. Illi minn relazzjoni li l-attur kellu mal-intimata CD, twieldet tifla jisimha EF nhar l-1 ta' Gunju 2005, kif jixhed mic-certifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-konvenuta omm hija llum il-gurnata divorzjata minn ma' zewgha IF, permezz ta' sentenza moghtija mil-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fl- 4 ta' April 2017, li ggib r-referenza 19/17 RGM kif jixhed mic-certifikat tal-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok B izda peress li l-minuri twieldet f' data anqas minn tlett mitt jum mid-data tas-separazzjoni personali, ossija entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess minuri giet imnizzla u rregistrata bhala wild IF, li llum il-gurnata huwa mejjet;

3. Illi l-konvenuta stqarret ripetutament mal-attur nonostante tali dikjarazzjoni fl-att tat-twelid li l-minuri E hija fil-fatt bintu;

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u anke trattazzjoni tal-kawza l-missier naturali u bijologiku tal-minuri, huwa l-attur cioe' AB u mhux il-konvenut IF;

5. Illi IF ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri, peress li hu u CD ma kellhomx rapporti intimi fi zmien tlett mitt gurnata qabel it-twelid tal-minuri u IF kien effettivament fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' CD minhabba li kien boghod minnha u stante li kienu jghixu f'residenzi separati minn ferm qabel id-data tas-separazzjoni;

6. Illi effettivament missier il-minuri EF huwa AB , u dan peress li fiz-zmien meta l-istess E giet koncepita, l-attur AB u CD, ghalkemm mhux mizzewgin kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, li baqghet ghaddejja sa zmien ricenti;

7. Illi l-minuri ghandha pussess ta' stat kuntrarju ghal att tat-twelid u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid hija indikata bhala l-wild ta' IF fil-verita' hija tirrisjedi mal-attur AB u l-intimata CD u dan mid-data tat-twelid sal-lum. Illi in oltre' mid-data tat-twelid taghha sal-gurnata prezenti, qatt ma qatghet sekonda wahda ma' IF ;

8. Illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta ma haditx il-passi necessarji sabiex isir it-tidbil necessarju fl-att tat-twelid tal-minuri;

9. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lil minuri EF bhala l–wild naturali tieghu;
10. Illi bhalissa bintu EF tinsab fil-kura u kustodja tal-konvenuta CD.

11. Illi l-esponenti jaf b' dawn il-fatti personalment.

12. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti prevja, kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna;

    1. Tordna li jsiru testijiet genetici opportuni fuq il-partijiet u anke fuq il-minuri EF halli dawn jikkonfermaw li E mhix bint il-konvenut IF, izda bint l-attur.

2. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi, il-konvenut IF, ma huwiex il-missier naturali tal-minuri EF.

3. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi illi l-attur AB huwa l-missier naturali tal-minuri E maghrufa bil-kunjom F;

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet tieghu fuq l-att tat-twelid bin-numru 1811/2005 tal-minuri E prezentement maghrufa bil-kunjom F, u dana billi fl-istess att:-

   a. Jitnehhew il-kliem ‘IF’ fil-kolonna tal-isem ta’ missier it-tarbija u jidhlu il-kliem AB;

   b. Jissostitwixxi l-kunjom “F” fil-kolonna Isem jew isimijiet li bih/ bihom ghandha tigi imsejjha it-tarbija u jitnizzel B;

   c. Jissostitwixxi l-post Pieta’ Malta fil-kolonna Fejn Twieled, in kwantu li jirrigwarda l–intestat missier it-tarbija bil-post, Beheira Egittu.

5. Tordna lill-istess Direttur Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor, hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku** datata 15 ta' Novembru 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma dan li gej;-

1. Illi in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti, jidher illi hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini tal-Kodici Civili u dan ghaliex it-terminu stabbilit mil-Ligi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f' liema perjodu l-persuna ikkoncernata tkun tista tipprocedi b' kawza ta' denegata paternita', ai termini tal-artikolu 77 C tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant, f' dan l-istadju ghandu jigi ddikjarat jekk l-attur giex awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti, sabiex jipprocedi b'din il-kawza istanti u fin-nuqqas ta' dan, f' gieh l-ekonomija tal-gudizzju l-attur ghandu jirregola l-posizzjoni tieghu immedjatament;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li mhux edott mil-fatti hekk kif gew dikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti jeccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrent irid jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri EF, huwa kellu relazzjoni extra-maritali ma' CD u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lid-defunt IF, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-artikolu 77 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent u kif ukoll minn testijiet xjenetifici, jirrizulta li EF, hija l-bint naturali tal-attur, l-esponenti tistieden lill-attur sabiex permezz ta' nota jipprezenta id-dettalji tieghu u cioe' n-numru tal-karta tal-identita', ismu u kunjomu, l-eta' tieghu

meta twieldet il-minuri, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemija EF, isem u kunjom missieru u jekk l-imsemmi missier patern kien haj meta twieldet il-minuri EF. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi inserita fl-att tat-twelid tal-minuri EF;

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqghu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv, liema kunjom ghandha tinghata l-minuri;
6. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa important li l-kelmiet ' the said' li jinsabu qabel isem IF, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mill-att tat-twelid, tal-minuri EF;

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhix attribwibbli, ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigi minn issa ingunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta ta' CD** f' isimha propju u bhala kuratrici tal-minuri EF, datata 29 ta' Novembru 2019, fejn qed tiddikjara li l-intimata mhux qed topponi ghat-talba tar-rikorrenti AB, stante li ghandha interess fil-prosegwiment tal-kawza.

**FATTI**

1. Dr. Marisa Cassar, gabret il-kampjuni ta’ AB, EF u AB sabiex jinzammu t-testijiet tad-DNA, minn fejn irrizulta illi AB huwa l-missier naturali ta’ EF u dan huwa kkonfermat fir-rapport taghha PT 2001340.

2. L-attur ikkonferma d-dettalji tieghu:-

i) Numru ta’ karta ta’ identita’ 22147 (M);
ii) Isem u kunjom – AB;
iii) Kellu tletin sena meta twieldet il-minuri EF;
iv) Post tat-twelid tieghu – Beheira, Egittu;
v) Post tar-residenza tal-attur meta twieldet il-minuri – Winchester, Flat 5, Triq l-Istimnar, Qawra;
vi) Isem u kunjom missier l-attur – JB;
vii) Iva, il-missier tal-attur ghadu haj;
viii) Isem u kunjom il-minuri ghandu jinqara bhala “EB.”

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjma mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, dina giet sorvolata b’digriet ta’ dina l-Qorti li awtorizzat il-prezentata ta’ dan ir-rikors guramentat.**

Il-minuri EF twieldet minn relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta CD, waqt li din tal-ahhar kienet mizzewwga mal-konvenut IF. illum mejjet. Minkejja li l-istess minuri E twieldet f’data anqas minn tlett mitt jum mid-data tas-separazzjoni personali, u ghalhekk giet registrata fuq IF, m’hemmx kontestazzjoni li l-minuri hija bint AB. Inoltre, il-konvenuta CD u l-konvenut

IF kienu fl-impossibilita' fizika li jghammru flimkien u kien qed ikollha relazzjonijiet intimi mal-attur anke sa ricenti.

Dan il-fatt huwa kkonfermat mit-testijiet genetici li zammet Dr. Marisa Cassar li kkonkludew li AB huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri EF Farrugia.

Gie ddikjarat minn l-istess attur li t-tifla minuri ghandha tibda tuza' l-kunjom "B" u l-konvenuta ma kkontestax dan il-fatt.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici u tiddikjara lil l-attur AB huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri E.

3. Tilqa' r-raba' talba attrici u tikkonferma li jsiru l-korrezzjonijiet kif hemm indikati.

4. Tilqa' l-hames talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati bejn l-attur u l-konvenuta CD.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**